# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMHALLFIN

## S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO
## ONOR. IMHALLEF ANTHONY ELLUL

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 25 ta' Frar, 2021.**

**Numru 6**

**Rikors numru 10/18/1 JRM**

**Kevin Zammit Briffa**

**v.**

**Ir-Registratur tal-Qrati u Tribunali Civili u l-Avukat Generali**

1. B'rikors preżentat fis-6 ta' Frar 2018 l-attur ilmenta li l-appell li kien ippreżenta fil-kawża **l-Pulizija v. Kevin Zammit Briffa** fil-Qorti tal-Appell Kriminali kien ġie ddikjarat deżert meta ma kienx notifikat bl-avviż tas-smigħ tal-appell. Għalhekk talab lill-Qorti Ċivili, Prim'Awla sabiex:

> *"1. Tiddikjara illi n-notifika tal-esponent riżultanti mill-proċess tal-appell kriminali fuq msemmi għandha titqies bħala nulla u bi ksur tal-proċedura kriminali kif intqal u in partikolari nulla wkoll għaliex tikser id-disposizzjonijiet tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6(1) u (3) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet Fondamentali tal-Bniedem għaliex b'hekk l-esponent ċċaħħad mid-dritt tiegħu għal smigħ xieraq;*

*“2.Konsegwentement tiddikjara għall-istess raġunijiet null id-digriet tad-deżerzjoni tal-15 ta’ Jannar 2018 kif intqal u għar-raġunijiet mogħtija.*

*“3. Tordna r-rijappuntament tal-Appell tal-esponent fuq msemmi mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri)”.*

2. Wieġeb biss l-Avukat Ġenerali fejn prinċipalment argumenta li dak li ġara kien minħabba nuqqas tal-attur li naqas milli jattendi għas-seduta li fiha kellu jinstema’ l-appell. Żiedet li l-Artikolu 422(1) tal-Kodiċi Kriminali diġa` ġie ddikjarat f’sentenzi preċedenti li ma jiksirx il-jedd fondamentali għal smigħ xieraq.

3. B’sentenza tad-29 ta’ Ottubru 2020 l-ewwel Qorti ċaħdet it-talbiet tal-attur, u fir-rigward tal-meritu rraġunat:

*“Illi l-Kodiċi Kriminali jitkellem dwar notifika tal-Avviż tas-smigħ tal-appell lill-partijiet fl-artikolu 421(1), imma ma jgħidx kif issir. Biex wieħed isib kif għandha ssir notifika, wieħed irid idur lejn l-artikolu 362(1) tal-Kodiċi li jitkellem dwar in-notifika taċ-ċitazzjoni. F’dak l-artikolu jingħad li n-notifika ssir billi tingħata f’idejn il-persuna li għandha tiġi mħarrka, u jekk din il-persuna ma tkunx tista’ tinsab faċilment, iċ-ċitazzjoni għandha titħalla fid-dar fejn hija soltu tkun toqgħod. Il-kliem fejn il-persuna “is-soltu tkun toqgħod” ingħatat tifsira mill-Qorti bħala notifika fejn l-akkużat “ikun jista’ jinstab regolarment”. Il-Qorti qieset bħala tajba u skond dak li titlob il-liġi notifika ta’ att li tkun tħalliet f’idejn persuna adulta li għandha relazzjoni mal-akkużat;*

*“Illi l-Qrati tagħna ilhom żmien jgħidu li jaqa’ fuq il-parti interessata l-obbligu li ssegwi l-proċeduri kriminali li jkunu għaddejjin kontriha quddiem il-Qorti ta’ l-appell, u jara x’sar minnhom. Ma dan irid jingħad li llum il-ġurnata, wieħed jista’ jsegwi dak kollu li jkun tniżżel f’verbal ta’ kawża fuq is-sit elettroniku uffiċjali, fi ftit jiem wara li jkun sar, u b’hekk wieħed jaf ikun jista’ jirregola ruħu b’mod tempestiv;*

*“Illi l-liġi trid ukoll li, fil-każ ta’ appell imressaq minn proċeduri penali, l-appellant jidher quddiem il-Qorti tal-Appell dakinhar tas-smigħ u li din il-preżenza tiegħu ma tistax tkun sostitwita bil-preżenza ta’ ħaddieħor minfloku jew tal-avukat tiegħu;*

*"Illi meta l-qorti tqis iċ-ċirkostanzi li fih ingħata d-degriet mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-15 ta' Jannar, 2018, kif ukoll il-konsiderazzjonijiet li ssemmew qabel, tasal għal fehma li l-ilment tar-rikorrent mhux mistħoqq. Mill-atti jirriżulta li n-notifika tħalliet f'idejn iben ir-rikorrent fl-indirizz fejn ir-rikorrent kien jgħix sa ftit żmien qabel. Il-fatt li iben ir-rikorent (jew bintu) ħalla numru ta' jiem biex jgħarraf u għadda kopja ta' l-att lir-rikorrent mhix difiża li tista' titressaq mir-rikorrent għall-ġid tiegħu. Tqis ukoll li r-rikorrent naqas milli jsegwi l-proċeduri istitwiti minnu, u li kieku għamel dan, seta' faċilment jagħmel użu mir-rimedju mogħti lilu mill-liġi. Għalkemm ir-rikorrent jallega li huwa ma setax jidher quddiem il-Qorti tal-Appell – la ma kienx jaf bl-appell – dakinhar li ssejjaħ l-appell, dan ma jfissirx li ma kellux rimedji fejjieda mogħtijin lilu mil-liġi li kieku tabilħaqq ma kienx notifikat kif imiss. Min-naħa l-oħra, l-atti tal-kawża kienu juru li dik in-notifika kienet saret tabilħaqq kif titlob il-liġi u l-intimat jgħid sewwa li r-riferta tikkostitwixxi prova tajba fiha nnifisha ta' dak li tgħid u dan fil-grad ta' prova mistenni fil-proċedura;*

*"Illi fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti tasal għall-fehma li r-rikorrent ma seħħlux juri li huwa ċċaħħad mill-jedd li jingħata smigħ xieraq ukoll fl-istadju tal-appell tiegħu fil-proċeduri kriminali mnedijin kontrih, u li jekk huwa ġarrab xi nuqqas, dan ma jistax jimputah bl-ebda mod lill-organi tal-Istat, imma lilu nnifsu u 'l qrabatu. Għalhekk issib li l-**ewwel talba** tiegħu mhix mistħoqqa u mhux sejra tintlaqa';*

*"Illi ladarba t-**tieni u t-tielet talbiet** huma konsegwenzjali għall-ewwel waħda, il-Qorti ssib li lanqas dawk it-talbiet ma jmisshom jintlaqgħu".*

4. B'rikors preżentat fit-18 ta' Novembru 2020, l-attur appella mis-sentenza. L-aggravju tal-appellant ġie spjegat hekk:

*"Illi mill-aspett legali jirriżulta bl-iktar mod ċar mill-provi proċesswali illi n-notifika lill-esponent la saret f'idejh u meta l-marixxall irriskontra d-diffikulta' biex jinnotifikah, in-notifika ma tħalliex f'post fejn huwa 's-soltu jkun joqgħod' jew fejn hu 'ikun jinsta jinstab regolarment', u għalhekk dan huwa ksur lampanti tal-provvedimenti tal-artikolu 362(1) tal-Kodiċi Kriminali u b'hekk ukoll tal-provvedimenti tal-Kostituzzjoni ta' Malta fl-artikolu 39 u l-artikolu 6(1) u (3) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet Fondamentali tal-Bniedem.*

*"Illi l-fatt li n-notifika titħalla ma' persuna adulta li għandha relazzjoni mal-akkużat bl-istess mod hu argument żbaljat għaliex dan mhuwiex li titlob il-Liġi.*

*"Illi l-Liġi ma tgħabbix 'persuna adulta' b'relazzjoni mal-akkużat bl-obbligu tal-istat li jeffetwa n-notifiki.*

*"Illi l-iskop tal-Liġi huwa purament li jkun assigurat id-dritt fondamentali u bażiku fil-kamp kriminali li akkużat ikollu l-opportunita' jiddifendi ruħu bħala persuna preżunta innoċenti skond il-liġi sakemm jinstab ħati.*

*"Illi ma' dawn id-drittijiet ma jistax wieħed jagħtihom interpretazzjoni wiesgħa sabiex in-notifika tiġi salvata.*

*"Illi dak li jrid jiġi salvagwardat qabel kull konsiderazzjoni oħra huma drittijiet sagrosanti fondamentali tal-bniedem.*

*"Illi jista' forsi jintqal li b'xi mod l-esponent naqas milli jirregolarizza l-indirizz tiegħu mogħti fil-proċess, iżda huwa għalhekk li l-liġi tikkontempla alternattiv f'każ li l-uffiċċjal tal-Qorti jiltaqa' ma' diffikulta' sabiex jeffettwa n-notifika.*

*"......*

*"Illi jrid ukoll jingħad li bħalma seta' kien disponibbli għall-esponent is-sit elettroniku uffiċjali li ssemmi l-Ewwel Onorabbli Qorti, huwa daqstant disponibbli għall-Istat, ossija l-aġenti tiegħu, li huwa l-obbligu tagħhom li jieħdu ħsieb in-notifika tal-atti tal-Qorti, illi f'każ ta' diffikulta' jikkonsultaw ruħhom mal-informazzjoni uffiċjali dwar il-karta tal-identita' ta' persuna residenti f'Malta, minn fejn kien jirriżultalhom l-indirizz fejn l-esponent 'is-soltu jkun joqgħod'.*

*"Illi bir-rispett, is-soluzzjoni tal-Marixxall f'dan il-każ kienet 'the line of least resistance, fejn bin-notifika li saret ikkomprometta s-smigħ xieraq dovut lill-esponent.*

*"Illi mill-aspett prattiku r-raġunament tal-Qorti jfalli għaliex l-akkużat ma jistax raġonevolment jitqies tenut li jikkonsulta ruħu kuljum biex jara jekk l-appell tiegħu ġiex appuntat.*

*"Illi min jipprattika f'dawn il-Qrati jaf illi minħabba l-volum kbir ta' xogħol li bih huma mgħobbija l-Qrati Tagħna, l-appuntamenti għall-ewwel smigħ ma jingħatawx f'termini konsistenti jew viċini talment fejn wieħed allura jkun jista' jibbaża f'aspetattiva affidabbli u jistenna s-smigħ tiegħu ser isir f'dak il-waqt.*

*"Illi huwa biss wara li l-appellant jkun notifika għall-ewwel darba skond il-liġi li wieħed jista' raġonevolment jippretendi li l-appellant ikompli jsegwi fedelment l-andament tal-proċess li jinvolvi lilu.*

*"Illi rigward in-nuqqas tal-esponent sabiex jistitwixxi proċeduri rimedjali fir-rigward tad-digriet ta' deżerzjoni li jingħata mill-Qorti tal-Appell Kriminali, huwa ċar, u jsegwi b'mod loġiku, illi li kieku l-esponent sar jaf li bil-proċeduri kontra tiegħu żmien wara li skada t-terminu sabiex dawn il-proċeduri jiġu istitwiti, ma jistax jitqies għalhekk li huwa kkommetta nuqqas traskurat, u allura hemmhekk biss ikun 'imputet sibi'".*

5. Fit-30 ta’ Novembru 2020 l-Avukat tal-Istat wieġeb u ta r-raġunijiet għalfejn din il-Qorti għandha tiċħad l-appell tal-attur.

Fatti.

6. Il-fatti tal-każ ġew spjegati b’dan il-mod mill-ewwel Qorti:

*“Illi bħala* _fatti rilevanti_ *jirriżulta li r-rikorrent jaħdem bħala direttur f’kumpannija. Huwa miżżewweġ bit-tfal (tewmin), imma ż-żwieġ tkisser u ma baqax jgħix fid-dar taż-żwieġ li tinsab fis-Swieqi sa minn Mejju tal-2014, tant li fil-21 ta’ Lulju tal-2015 bidel l-indirizz tal-Karta tal-Identità tiegħu għal post f’Tas-Sliema, li fih kien jgħix missieru;*

*“Illi f’xi żmien fl-2013, il-Pulizija Eżekuttiva bdiet proċeduri kriminali kontra r-rikorrent u xlietu, fost l-oħrajn, li impjega persuna barranija li ma kinitx liċenzjata u lanqas kellu permess validu u li kien naqas li jgħarraf b’dan lill-Awtorità kompetenti. B’sentenza mogħtija fil-25 ta’ April, 2016, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali u għar-raġunijiet hemm imfissra, sabitu ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih u ikkundannatu għall-ħlas ta’ multa ta’ elf u ħames mitt euro (€ 1,500). Huwa appella minn dik is-sentenza;*

*“Illi fis-6 ta’ Ġunju tal-2016 kien pubblikat il-kuntratt tal-firda personali bejn ir-rikorrent u martu li fih, fost l-oħrajn, il-komparenti iddikjaraw li r-rikorrent ħareġ minn dik li kienet id-dar taż-żwieġ;*

*“Illi f’Lulju tal-2017, ir-rikorrent bidel l-indirizz muri fil-Karta tal-Identità tiegħu għal indirizz f’San Pawl il-Baħar. Fis-27 ta’ Novembru, 2017, marixxall tal-Qorti ħalla l-Avviż tas-Smigħ tal-appell tar-rikorrent fl-indirizz tad-dar fis-Swieqi f’idejn ibnu. L-appell kien imqiegħed għas-smigħ fil-15 ta’ Jannar tal-2018. L-Avviż tas-Smigħ, flimkien ma’ korrispondenza oħra li waslitlu fl-indirizz tas-Swieqi, ngħataw lir-rikorrent minn bintu wara li ġie lura Malta minn safra;*

*“Illi dakinhar li ssejjaħ l-appell, ir-rikorrent ma deherx u b’digriet mogħti dakinhar stess, il-Qorti tal-Appell Kriminali, wara li rat ir-riferta, sabet li l-appell tiegħu kien mar deżert. Fit-22 ta’ Jannar, 2018, ir-Reġistratur ta’ dik il-Qorti bagħat avviż lir-rikorrent biex jitolbu jħallas il-multa ta’ € 1,500 li kienet waħħlitu l-Qorti tal-Maġistrati;*

*“Illi fid-29 ta’ Jannar, 2018, ir-rikorrent ressaq rikors quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali biex jitlob it-tħassir tad-digriet tad-deżerzjoni, iżda*

*b'digriet tal-1 ta' Frar, 2018, u għar-raġunijiet hemm imsemmija, dik il-Qorti ċaħdet it-talba tiegħu;*

*"Illi fis-6 ta' Frar, 2018, ir-rikorrent fetaħ din il-kawża";*

Konsiderazzjoni.

7. Kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti:

> *"..... huwa magħruf u aċċettat li ksur ta' dak il-prinċipju tal-audi et alteram partem, jak ikun tassew raġuni tajba li twassal għat-tħassir tal-proċeduri li matulhom jirriżulta li jkun seħħ dak il-ksur. Huwa għalhekk li din il-Qorti għandha s-setgħa li tistħarreġ għemil mwettaq minn Qorti oħra, anke jekk il-Qorti li tiġi mistħarrġa tkun qorti ogħla minnha.*
>
> *".......*
>
> *"Illi r-regola hi li d-determinazzjoni ta' kwistjoni dwar jekk hemmx jew le ksur ta' jedd għal smigħ xieraq m'għandux jiddependi minn episodju wieħed iżolat, iżda minn dak li jkun seħħ fl-iter proċesswali kollu, b'mod partikolari jekk kemm-il darba tali episodju sata' jissewwa fi stadju ulterjuri".*

8. Il-Qorti tibda biex tosserva li kien id-dmir tal-attur li hekk kif bidel l-indirizz tar-residenza jgħarraf lid-difensur tiegħu sabiex b'hekk l-avviż tas-smigħ tal-appell jiġi notifikat lilu fl-indirizz ta' residenza l-ġdid u mhux jitħalla f'post fejn l-attur ma kienx jgħix. L-uniku indirizz li hemm fl-atti hu dak li ddikjara l-attur fis-seduta tat-13 ta' Frar 2014 quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, u ċioe` 24, Casa Fortina, Triq il-Ktajjen, Swieqi.

9. In-notifika tal-avviż għandha ssir fl-indirizz li jagħti l-appellant fl-atti tal-proċeduri tal-appell, u f'dan il-każ l-attur ġie notifikat fl-indirizz li hemm

fl-atti. L-attur m'għandux jedd jippretendi li l-amministrazzjoni tal-qorti toqgħod tagħmel riċerka biex taċċerta ruħha jekk l-appellant għadux jirrisjedi fl-indirizz dikjarat minnu fl-atti tal-proċeduri kriminali quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali. L-obbligu hu tal-appellant li jagħti tagħrif li jkun biddel l-indirizz u jagħti l-indirizz il-ġdid fejn għandu jkun notifikat bl-avviż ta' smigħ tal-appell. Mill-atti tal-proċess kriminali jirriżulta li fir-rikors tal-appell li l-attur ippreżenta fil-5 ta' Mejju 2016 lanqas ma ndenja ruħu jiddikjara l-indirizz fejn kellha ssir in-notifika tal-avviż tas-smigħ. Dan hu ovvjament nuqqas tiegħu. Inoltre, m'hemmx prova li iben l-attur, meta ngħata l-avviż tas-smigħ mill-uffiċjal eżekutur tal-qorti, qallu li missieru (l-attur) ma kienx għadu jgħix fil-fond li l-attur stess iddikjara fir-rikors tal-appell. Kull m'hemm stampat fuq ir-riferta hu li fis-27 ta' Novembru 2017 l-avviż ingħata lil *"Timothy (Ibnu)"*.

10. Ovvjament ġialadarba kien hemm riferta pożittiva u fis-seduta tal-15 ta' Jannar 2018 l-attur ma deherx, il-Qorti tal-Appell Kriminali ddikjarat l-appell deżert skont l-Artikolu 422 tal-Kodiċi Kriminali. Evidenti li peress li l-attur ma kienx jaf li l-appell kien appuntat għas-smigħ, ma ppreżentax rikors fit-terminu li jissemma fl-istess dispożizzjoni sabiex l-appell jerġa' jkun appuntat għas-smigħ. Kien biss b'rikors preżentat fid-29 ta' Jannar 2018 li r-rikorrent talab għar-revoka tad-digriet ta' deżerzjoni. Talba miċħuda b'digriet tal-Qorti tal-Appell Kriminali li ngħata fl-1 ta' Frar 2018.

11. Il-Qorti tkompli tosserva li l-attur xehed li fil-21 ta' Lulju 2015 biddel l-indirizz fuq il-karta tal-identita tiegħu għal fuq l-indirizz ta' missieru, 19, Flat 1, *Triq Tigne, Sliema* (ara kopja tal-karta tal-identita a fol. 28). Qal ukoll li fl-14 ta' Lulju 2017 reġa' biddel l-indirizz għall-fond ieħor f'San Pawl il-Baħar. Dan ifisser li meta fil-5 ta' Mejju 2016 ippreżenta l-appell fil-kawża **<u>l-Pulizija v. Kevin Zammit Briffa</u>** (214/2016), l-indirizz fir-rikors tal-appell kellu jkun tal-fond fejn kien qiegħed jgħix tas-Sliema. Madankollu kienet għażla libera tiegħu li minflok jiddikjara l-indirizz tal-fond 24, Casa Fortuna, Triq il-Ktajjen, Swieqi li l-Qorti fehmet kienet id-dar matrimonjali.

12. Għaldaqstant, hu tort tal-attur li l-avviż ta' smigħ tal-appell tħalla fil-fond li ma kienx ir-residenza tiegħu. Mhemm l-ebda prova li r-Reġistratur kien jaf bl-indirizz ta' residenza l-ġdid tal-attur. Il-Qorti m'għandha l-ebda dubju li f'dan il-każ kien hemm nuqqas ta' diliġenza min-naħa tal-attur.

13. Skont Artikolu 421 tal-Kodiċi Kriminali (Kap. 9):

> *"Avviż tal-ġurnata maħtura mill-qorti superjuri għas-smigħ tal-appell, <u>għandu jiġi mogħti lill-partijiet</u> u lill-parti offiża li tkun ġiet notifikata bl-avviż tal-ewwel smigħ jew iddaħħlet fil-proċeduri kif provdut fl-artikolu 410(4) u (5) b'ordni bil-miktub iffirmat mir-Reġistratur tal-Qrati.*
>
> *"Iżda l-fatt li l-avviż tad-data tal-ewwel smigħ ma jiġix notifikat lill-parti offiża wara li jkun sar tentattiv għaldaqshekk, jew il-fatt li l-parti offiża tonqos għal xi raġuni milli tkun preżenti waqt xi seduta, m'għandux iżomm lill-qorti milli tibqa' għaddejja bl-appell sakemm tingħata s-sentenza finali"*.

14. L-ewwel Qorti rraġunat li l-Artikolu 421 tal-Kodiċi Kriminali ma jipprovdix kif għandha ssir in-notifika. Il-qorti ma taqbilx. Dik id-dispozizzjoni hi ċara fis-sens li l-avviż tal-ġurnata għas-smigħ tal-appell għandu *'jiġi mogħti lill-partijiet'*. Ma jirriżultax li hemm xi provvediment li jagħmel l-Art. 187 tal-Kap. 12 applikabbli għall-appelli fi proċeduri kriminali. Filwaqt li r-Regolamenti dwar il-Metodu ta' Notifika tal-Att Ġudizzjarji (Leġislazzjoni Sussidjarja 9.22) jipprovdu għan-notifika ta' atti ġudizzjarji fil-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, ma jirriżultax li hemm regolamenti għan-notifika ta' att ġudizzjarji tal-Qorti tal-Appell. L-Art. 421 tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha faċli għal min ikollu interess itawwal il-proċeduri jew itellef it-traċċi tiegħu, sabiex jevita n-notifika tal-avviż għas-smigħ tal-appell. Hemm bżonn li l-leġislatur minnufih jieħu passi sabiex każijiet bħal dak tal-lum ma jirrepetux ruħhom. Il-leġislatur għandu d-dmir li jipprovdi lill-qrati b'liġijiet proċedurali li jiżguraw li l-ġustizzja tkun tista' tieħu l-kors tagħha b'mod effiċjenti, mingħajr ħadd mill-partijiet ma jingħata l-opportunita` li jostakola l-kors tal-proċeduri ġudizzjarji. Sfortunatament l-Art. 421(1) tal-Kodiċi Kriminali qiegħed biss iservi sabiex jiġri l-oppost.

15. L-ewwel Qorti ibbażat id-deċiżjoni fuq l-Artikolu 362(1) tal-Kodiċi Kriminali, minkejja li dik id-dispozizzjoni tirreferi għan-notifika ta' ċitazzjoni, u m'hemmx dispozizzjoni li l-Artikolu 362(1) japplika fil-każ ta' notifika tal-avviż tal-ġurnata għas-smigħ tal-appell. Dan minkejja li ma

jirriżultax li xi ħadd mill-partijiet qiegħed jikkontesta dik il-konklużjoni tal-ewwel Qorti.

16. L-Artikolu 362 tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi:

> *"(1) Iċ-ċitazzjoni għandha tingħata f'idejn il-persuna li għandha tiġi mħarrka, u jekk din il-persuna ma tkunx tista' tinsab faċilment, iċ-ċitazzjoni għandha titħalla fid-dar fejn hija soltu tkun toqgħod. Fil-każ il-wieħed u l-ieħor, l-uffiċjal esekutur għandu jagħmel rapport ta' dan lill-qorti".*

17. Mill-provi rriżulta li l-avviż ta' smigħ ma tħalliex *"fid-dar fejn hija soltu tkun toqgħod"*. Fid-data tan-notifika tal-avviż ta' smigħ l-attur ma kienx għadu joqgħod fil-fond fejn saret in-notifika. Fatt ikkonfermat mill-ewwel Qorti f'dik il-parti tas-sentenza fejn hemm ġabra tal-fatti rilevanti għall-kawża.

18. Ir-rikors tal-appell kien preżentat fil-5 ta' Mejju 2016, l-avviż ta' smigħ kien notifikat fis-27 ta' Novembru 2017 u l-appell appuntat għas-seduta tal-15 ta' Jannar 2018. Dan ifisser li n-notifika tal-avviż saret tmintax-il xahar wara li l-attur ippreżenta r-rikors tal-appell. Fil-frattemp kien laħaq reġa' biddel id-dar fejn joqgħod. Għalhekk din il-Qorti ma taqbilx li n-notifika saret bil-mod li jrid l-Artikolu 362(1) għaliex fid-data tan-notifika l-attur ma kienx għadu joqgħod fil-fond tas-Swieqi. L-ewwel Qorti għamlet referenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-12 ta' Ġunju 2003 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Themistocles sive Temi Attard**, u osservat:

> *"Il-kliem fejn il-persuna 'is-soltu tkun toqgħod' ingħatat tifsira mill-Qorti bħala notifika fejn l-akkużat 'ikun jista' jinstab regolarment'. Il-Qorti qieset bħala tajba u skond dak li titlob il-liġi notifika ta' att li tkun tħalliet f'idejn persuna adulta li għandha relazzjoni mal-akkużat"*.

19. Madankollu l-persuna li għandha tiġi notifikata xorta trid tkun tista' tinstab regolarment fil-fond fejn issir notifika, u hekk kien il-każ fuq imsemmi. Madankollu fil-każ tal-lum m'hemm l-ebda prova li fiż-żmien tan-notifika tal-avviż ta' smigħ tal-appell (27 ta' Novembru 2017) l-attur kien regolarment qiegħed ikun fl-indirizz fejn saret notifika. Anzi l-provi juru li ma kienx għaliex kien jgħix band'oħra. Provi li m'humiex kontradetti.

20. Il-ftit provi li hemm fl-atti juru li l-attur ma kienx jaf li fis-seduta tal-15 ta' Jannar 2018 ser jinstema' l-appell. Il-Qorti tagħmilha ċara li bid-deċiżjoni li ser tagħti ma jfissirx li m'hemmx nuqqas tal-attur għal dak li ġara. Pero` jibqa' l-fatt li jekk l-Artikolu 362 tal-Kodiċi Kriminali japplika wkoll għal dan il-każ, l-attur ma jistax jitqies li ġie notifikat bl-avviż tas-smigħ tal-appell.

21. Il-fatt li l-attur effettivament ma ġiex notifikat bl-avviż ta' smigħ tal-ġurnata tas-smigħ tal-appell iwassal għas-sitwazzjoni li ma kellux l-opportunita` li jkun preżenti għall-appell li ressaq quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali u li jkun assistit minn avukat, kif għandu jedd skont l-Art. 6(3)(c) tal-Konvenzjoni Ewropea. Persuna akkużata b'reat għandu

jkollha l-opportunita` li tipparteċipa waqt is-smigħ tal-każ tagħha. Hi l-liġi ordinarja stess li tirrikonoxxi dan il-jedd tant li tipprovdi li l-partijiet għandhom ikunu notifikati bl-avviż tas-smigħ. Ovvjament ladarba l-attur ma kienx notifikat bl-avviż tas-smigħ, ma kienx possibbli li jattendi għas-seduta. Hu minnu li l-attur seta' wera interess u diliġenza biex jiżgura li hu jirċievi l-avviż fejn qiegħed joqgħod, wara li ma baqax jgħix fid-dar matrimonjali. Dan apparti li seta' wkoll minn żmien għal żmien jitlob lill-avukat ta' fiduċja tiegħu sabiex jivverifika d-data tas-smigħ tal-appell, jew personalment jivverifika mar-Reġistru tal-qrati kriminali. Evidenti li minn dan kollu m'għamel xejn.

22. Madankollu xorta jibqa' l-fatt li ma kienx notifikat bl-avviż ta' smigħ. Għalkemm fid-digriet tal-1 ta' Frar 2018 il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet li *"... kien għadda żmien suffiċjenti sabiex iben l-appellant igħaddi dan l-avviż lil missieru ....."*, jibqa' l-fatt li t-tifel ma tax l-avviż lil missieru fiż-żmien. In-nuqqas tat-tifel m'huwiex nuqqas tal-attur ġialadarba fiż-żmien rilevanti l-attur ma baqax jgħix f'dak l-indirizz.

23. L-ewwel Qorti semmiet ukoll li llum il-ġurnata min irid jista' jsegwi *"... dak kollu li jkun tniżżel f'verbal ta' kawża fuq is-sit elettroniku uffiċjali, fi ftit jiem wara li jkun sar, u b'hekk wieħed jaf ikun jista' jirregola ruħu b'mod tempestiv"*. Pero` ċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ kienu għal kollox differenti għaliex l-attur ma kienx notifikat bl-avviż ta' smigħ tal-ewwel

seduta. Dan apparti li mis-sit elettroniku, li l-Qorti tifhem li hu dak tal-Ministeru tal-Ġustizzja, m'huwiex possibbli li wieħed isegwi x'qiegħed jiġri fi proċeduri kriminali. Verbali tas-seduti tal-qrati kriminali m'humiex aċċessibbli minn dak is-sit.

24. L-Artikolu 422(1) tal-Kodiċi Kriminali jirregola l-każ meta l-appellant jonqos milli jidher għas-smigħ tal-appell. Hi l-liġi stess li tipprovdi li l-appellant irid ikun notifikat bis-seduta meta ser ikun jinstema' l-appell (Art. 421(1) tal-Kodiċi Kriminali). Għalhekk sabiex appell jiġi dikjarat deżert, l-appellant irid ikun debitament notifikat bl-avviż ta' smigħ. Notifika li f'dan il-każ ma jirriżultax li saret kif trid il-liġi ordinarja.

25. Il-Qorti ma taqbilx mar-raġunament tad-digriet li ngħata mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-1 ta' Frar 2018, li evidentement ma kkonsidratx jekk l-appellant kienx ġie notifikat bl-avviż ta' smigħ kif trid il-liġi. Dan minkejja li fir-rikors l-attur kien iddikjara li ma kienx jirrisjedi fil-fond fejn saret in-notifika tal-avviż ta' smigħ. B'hekk il-ksur tal-jedd fundamentali seħħ minħabba l-mod kif il-Qorti tal-Appell Kriminali applikat il-liġi ordinarja li japplika fil-każ tal-attur. Dan wassal sabiex l-istess attur jiġi mċaħħad milli jinstema' fl-appell u għalhekk għandu dritt li jingħata rimedju.

26. Magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet il-Qorti ma tistax taqbel mad-deċiżjoni tal-ewwel Qorti.

Għal dawn il-motivi tilqa’ l-appell tal-attur u tħassar is-sentenza tad-29 ta’ Ottubru 2020 u minflok sa fejn kompatibbli ma’ dak li ngħad hawn fuq tilqa’ t-talbiet tal-attur. B’dan li kull parti għandha tagħmel tajjeb għall-ispejjeż tagħha fiż-żewġ stadji tal-proċeduri, peress li l-attur kellu wkoll in-nuqqasijiet tiegħu għal dak li ġara.

Tordna wkoll li fi żmien sebat ijiem mil-lum, l-attur jippreżenta nota ġuramentata fl-atti tal-appell **il-Pulizija v. Kevin Zammit Briffa** (214/2016) u fih jiddikjara l-indirizz fejn għandu jiġi notifikat bl-avviż tas-smigħ tal-appell.

Tordna lir-Reġistratur sabiex jibgħat kopja legali ta’ din is-sentenza lill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) sabiex l-appell 214/2016 fl-ismijiet **il-Pulizija v. Kevin Zammit Briffa** jerġa’ jiġi appuntat għas-smigħ. Kopja tas-sentenza għandha minnufih tintbagħat lill-Ministru tal-Ġustizzja, l-Ugwaljanza u l-Governanza kif ukoll lill-Kummissarju tal-Liġijiet.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Anthony Ellul<br>Imhallef |

Deputat Registratur
rm